**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' April, 2018**

**Rikors Numru: 351/2004 MF**

**Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet, u b'nota tat-2 ta' Marzu 2005 id-Direttur tat-Turiżmu assuma l-atti minflok id-Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet**

**Vs**

**San Lucian Oil Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjeta' rikorrenti San Lucian Oil Company Limited fejn ippremettiet:

1. Illi dan huwa rikors a tenur ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u dan wara n-notifika ta' ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Ġunju 2004 b'annessa dikjarazzjoni guramentata maħlufa mill-Perit Raymond Farrugia Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet.

2. Illi dwar l-allegati servizzi reżi, l-esponenti San Lucian Oil Company Limited ma għandha ebda responsabilita' għal dak li ġie allegat u pretiż, għaliex l-ewwel dan l-

allegat tixrid ta' żejt irid jiġi ppruvat u stabbilit u inoltre l-esponenti tikkontesta kwalunkwe responsabilita'; illi l-esponenti tgħid illi ma kellha ebda responsabilita' għall-allegat.

Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi t-talba kontenuta fl-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Ġunju 2004 hija infondata fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tad-Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sta għas-soċjeta' rikorrenti sabiex tipprova illi t-talba illi saret mill-esponenti u dana permezz ta' l-ittra uffiċjali maħruġa a tenur ta' l-Artikolu 466(1) ta' l-istess Kodiċi mhux waħda fondata;

2. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, s-servizzi mogħtija u spejjeż oħra relatati ma' l-inċident ta' tixrid ta' żejt f'Marsaxlokk jirreferu għal servizzi illi jingħataw mill-Gvern, u dan fl-interess pubbliku sabiex titwaqqaf il-ħsara kkaġunata minn inċidenti fejn tirriżulta *oil spill* jew tniġġiż ieħor, liema xogħol ta' emerġenza jkun debitat lill-persuna illi fil-każ odjern hija l-proprjetarja tal-*pipeline* illi kkaġuna tniġġiż.

Għaldaqstant, id-Direttur intimat talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad it-talba tas-soċjeta' rikorrenti, filwaqt illi tikkonferma illi s-somma ta' elfejn, mija u seba' Liri Maltin u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm 2,107.95), hija dovuta lill-esponent Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet rappreżentanti ammont dovut mir-rikorrent in konnessjoni ma' servizzi mogħtija u spejjeż oħra relatati ma' l-inċident ta' tixrid ta' żejt f'Marsaxlokk, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti.

Rat il-provvediment ta' dina l-Qorti tal-1 ta' Marzu 2006, li bih cahdet it-talba għall-kjamata in kawza tas-soċjetà estera Omisa Oil Management S.A.

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-appell tad-Direttur intimat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[1] tat-12 ta' April 2007, fejn ghar-ragunijiet fiha moghtija, laqghet l-appell fis-sens biss tal-kunsiderazzjonijiet superjorment zvolti, u b'hekk hassret il-provvediment moghti tac-cahda tal-kjamata in kawza. Finalment irrimandat l-atti lura lil din il-Qorti ghall-konsiderazzjoni u approfondiment ulterjuri taghha skont il-ligi. Il-Qorti tal-Appell ordnat li fic-cirkostanzi, l-ispejjez taz-zewg istanzi relattivi ghal dan l-incident jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

Rat l-atti u id-dokumenti kollha ipprezentati wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Marzu 2014, fejn ghar-ragunijiet fih esposti, cahdet it-talba tas-socjeta rikorrenti tal-1 ta' Marzu 2005, fejn talbet il-kjamata in kawza tas-socjeta estera Omisa Oil Management S.A., u ordnat li s-smiegh ta' dan ir-rikors jitkompla fuq il-meritu billi jingiebu l-provi tas-socjeta rikorrenti. L-ispejjez ta' dan l-incident ghandhom jigu subiti mis-socjeta rikorrenti.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti fuq il-mertu tar-rikors promotur.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet kontendenti.

Ikkunsidrat:

Qabel xejn, il-Qorti trid taghmel zewg osservazzjonijiet preliminari:

1. Fis-seduta tal-10 t'Ottubru 2016, l-abbli difensur tas-socjeta rikorrenti kien oggezzjona ghal fatt li x-xhud Robert Vassallo kien ezebixxa xi artikoli minn gazzetti, stante li huma inammissibbli bhala prova. Ix-xhud Robert Vassallo kien ezebixxa dawn il-gazzetti ghall-kompletezza, stante li kienu jinsabu fil-file relattiv ta' Transport Malta. Ghalkemm gazzetti jistghu ikunu prova ammissibbli f'certu cirkostanzi, ghall-fini tal-kaz odjern, din il-Qorti tqis li l-estratti mill-gazzetti ezebiti

[1] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

mhux rilevanti ghal fini tar-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna, u konsegwentement se tiskartahom, u mhux se tiehu konjizzjoni taghhom fil-konsiderazzjonijiet taghha.

2. F'dawn il-proceduri gew ezebiti kopji tal-karti fil-files ta' Trasport Malta u tad-Dipartiment tax-Xogholijiet mir-rapprezentanti rispettivi taz-zewg entitajiet. Id-dokumenti u r-rapporti f'dawn il-files ma gewx konfermati bil-gurament, hlief dawk redatti mix-xhud Tony Mallia, li tela' jixhed f'dawn il-proceduri. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta rikorrenti tissottolinea kemm-il darba li dawn id-dokumenti ma gewx guramentati minn min kitibhom. Il-Qorti tosserva li l-abbli difensur tas-socjeta rikorrenti ma oggezzjonax ghal ipprezentar ta' dawn id-dokumenti, hlief ghal gazzetti, kif fuq inghad. Anzi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta rikorrenti tikkwota xi partijiet minnhom in sostenn tat-tezi taghha. Pero fi kwalunkwe kaz, il-konferma bil-gurament mhix rekwizit *sine qua non* ghall-ammissibilita ta' dokument bhala prova. Fis-sentenza **Allied Insurance Agency Limited v Borg Grech Evellina**, deciza fl-10 ta' Marzu 2004, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[2] irriteniet hekk:

*"Issa l-uniku accenn li taghmel l-appellanti li t-Tribunal agixxa b'mod gravi kontra l-principji tal-ekwitas kien marbut mal-osservazzjoni taghha illi t-Tribunal akkorda aktar piz lir-rappport tas-surgent li nvestiga l-kaz milli lill-verzjoni taghha. Hi tillanja illi dan ma kellux isir galadarba dan l-istess surgent ma giex prodott biex jixhed.*

*Ilment konsimili kien gja gie sollevat drabi ohra. Hekk per ezempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza fl-ismijiet* ***Carmel Camilleri vs Leone Pillow****, 07.10.1997, dik il-Qorti kienet hemm irriteniet illi "l-konferma bil-gurament mhix rekwizit sine qua non ghall-ammissibilita bhala prova, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, il-Qorti ghandha tkun libera li taccettahom u li taghmel l-inferenzi li legittimament hu konsentit li taghmel.". Dan b'referenza ghall-iskizz u r-rapport tas-surgent li jkun investiga l-kaz, u li bhala recorder tar-res gestae kien fid-dover tieghu, bhala parti mill-investigazzjoni li jaghmel."*

[2] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Maghmula dawn iz-zewg osservazzjonijiet preliminari, il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-meritu tal-vertenza.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

1. Is-socjeta rikorrenti kellha pipeline ghaddej taht l-art mit-terminal taghha Birzebbugia ghall-istation tal-Korporazzjoni Enemalta fil-vicinanzi tal-Forti San Lucian, u minn hemm, il-pipe kien konness mall-istallazzjoni ta' Has-Saptan. Il-Korporazzjoni Enemalta kienet twassal iz-zejt fit-terminal tas-socjeta rikorrenti tramite dan il-pipeline.[3]

2. Fis-17 ta' Lulju tal-1999 kien hemm incident fejn inxtered ammont sostanzjali ta' żejt fl-inhawi ta' Marsaxlokk u Birzebbugia.[4]

3. Wara investigazzjoni fit-tul, li giet immexxija principalment minn Tony Mallia – li, dak iż-żmien, kien il-Kap tal-Pollution Control Co-ordinating Unit – Marine Module fid-Dipartiment ghal Harsien tal-Ambjent – u Tony Caruana Spearing – rappreżentant tal-Awtorita' Marittima ta' Malta, gie stabbilit li z-zejt kien hiereg minn pipeline tas-socjeta rikorrenti, li fil-gurnata ta' qabel, cioe fis-16 ta' Lulju 1999, kienet talbet lill-Korporazzjoni Enemalta tittrasferilha 2500 tunnellati metrici ta' *gasoil* minn Has-Saptan ghat-terminal li s-socjeta rikorrenti kellha fil-Qajjenza, Birzebbugia.

4. Sakemm kienu qed isiru l-investigazzjonijiet sabiex jaraw minn fejn kien qed johrog iz-zejt, liema investigazzjonijiet hadu kwazi gimghatejn, il-ħaddiema tas-soċjeta' rikorrenti bl-apparat taghhom hadmu biex jitnehha z-zejt mill-bahar, taht id-direzzjoni ta' Tony Mallia, il-kap tal-Pollution Control Co-Ordinating Unit.[5]

[3] Ara fol. 163 tal-process.
[4] Ara fols 156, 160, 189 tal-proċess.
[5] Ara fol. 133 *et seq.* u fol 176 *retro* tal-proċess.

5. Finalment gie konfermat li t-tixrid taz-zejt origina minn ticrita fil-*upright elbow joint* tal-pipeline li permezz tieghu s-socjeta rikorrenti kienet tircievi z-zejt fit-terminal ta' Birzebbugia, minn Has-Saptan.[6]

6. Is-socjeta Cassar Ship Repair Ltd, li giet imqabbda mis-socjeta rikorrenti biex tassistiha biex issib minn fejn kien hiereg iz-zejt, u sussegwentement biex tigi imsewwija l-hsara li nstabet fil-pipeline, f'rapport bla data, pero iffirmat minn J. Camilleri General/Tech. Manager, u li fih jiddiskrivi dettaljatament ix-xoghol li ghamlet qalet hekk: *"Excavations were continued deeper using a large excavator until finally on Wednesday 28th July, a 15mm diameter corroded hole was found in pipe 6.5 metres below road surface and 0.5metres above Enemalta spur tunnel concrete. This hole was immediately plugged for obvious reasons."*[7] Dan ir-rapport gie ezebit minn Dr. Robert Vassallo, rapprezentant ta' Transport Malta, bhala wiehed mid-dokumenti li Transport Malta ghandha fil-file relatat ma' dan l-incident.

7. Skond l-istess rapport ta' Cassar Ship Repair Ltd, il-pipeline tas-socjeta rikorrenti kien gie danneggat ghaliex kien hemm *fish farm* fil-vicinanzi, u *"(t)he erosion of the SLOC gas oil pipeline had been caused by the long term leak of the Fish Farm water. The leakage of the gas oil into the sea could only have been caused by the flow of sea water that carried the oil in its own piping system and then into the sea."*[8]

8. Meta *a tempo vergino,* is-Sur Pappalettera, direttur tas-socjeta rikorrenti, gie mistoqsi meta gie mqieghed il-pipe taht l-art, u l-ahhar li gie ittestjat, huwa wiegeb li minkejja li l-*pipeline* tqieghed tmien snin qabel, huwa ma jiftakarx li qatt sarulu testijiet.[9]

9. *A tempo vergine*, is-socjeta rikorrenti ma ikkontestatx li t-tixrid taz-zejt gie kagunat minn pipeline proprjeta taghha li kien danneggat, izda ssottomettiet li ma kellhiex tehel penali ghaliex allegat li dan il-pipeline gie danneggat kawza tal-ilma li kien hiereg mill-Fish Farm li kien hemm fil-vicinanzi. Fil-fatt f'ittra bla data, li M. Fontana, General Manager tas-socjeta rikorrenti baghat lil Ministeru tal-Ambjent, qal hekk:

---

[6] Ara Dok DTX 2 u DTX 3 a fol 143 *et seq.* tal-process u x-xhieda ta' Tony Mallia a fol. 147 *et seq.* tal-process.
[7] Ara fol. 184 tal-process.
[8] Ara fol. 185 u 185 retro.
[9] Ara fol 177 tal-proċess.

*"(1) According to examinations held on the leakage of gasoil from the system of pipes which amalgamate our terminal of Birzebbugia to Enemalta Station near Fort San Lucian has been caused due to excessive sea water which was coming out from Malta Fish Farm for quite a while and so corroded our pipes. The channel of the said company had been constructed after the pipes of our terminal.*
*Apart from piercing and corroding our tubes, the seawater was the cause of the flow of gasoil to the sea. In no time, SLOC took all the necessary precautions so as not to damage the environment, and repair the damages at once. … …*

*As illustrated before, we believe that the Ministry of the Environment will revise the penalty, because as we have said earlier it was an incident caused by another party and we were only the victims. … …*

*We will hope that the Ministry of the Environment will receive with kindness our request and cancel the penalty due to us.* (sic)*"*[10]

Din l-ittra giet ipprezentata mill-Perit Ray Farrugia, Direttur Generali tax-Xogholijiet, u fost il-korrispondenza tal-file tad-dipartiment, li kopja tieghu gew ezebiti in atti.

10. B'ittra uffiċjali tal-4 ta' Ġunju 2004 li ntbagħtet għall-fini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, id-Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet innotifika lis-soċjeta' rikorrenti b'dikjarazzjoni ġuramentata mill-Perit Raymond Farrugia fil-kapaċita tiegħu ta' Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet u nterpella lill-istess soċjeta' sabiex fi żmien ġimgħa mid-data tal-ittra msemmija tħallas is-somma ta' elfejn, mija u seba' Liri Maltin u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm 2,107.95), rappreżentanti ammont minnha dovut in konnessjoni ma' servizzi mogħtija u spejjeż oħra relatati ma' l-inċident ta' tixrid ta' żejt, f'Marsaxlokk, fis-17 ta' Lulju 1999.

11. Is-socjeta rikorrenti intavolat dawn il-proceduri sabiex tikkontesta din l-ittra ufficjali, u d-dikjarazzjoni annessa maghha.

[10] Ara fol. 122-123 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti tibda biex tosserva li dawn il-proceduri istitwiti mis-socjeta rikorrenti saru taht l-Artikolu 466(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li huma proceduri ta' natura specjali. Din id-dispożizzjoni tal-liġi taghti lil debitur li jkun gie notifikat b'ittra uffiċjali minn Kap ta' Dipartiment ir-rimedju li jitlob li l-Qorti tiddikjara li t-talba mitluba f'dik l-ittra uffiċjali hija infondata. Kieku s-socjeta rikorrenti ma ntavolatx dawn il-proceduri fit-terminu preskritt mil-ligi, it-talba tad-Direttur fl-ittra ufficjali kienet issir titolu eżekuttiv. Konsegwentement, din il-Qorti trid tara jekk is-socjeta rikorrenti ghandhix ragun jew le tikkontesta l-pretensjoni tad-Direttur intimat fl-ittra ufficjali li baghatilha, u dan a bazi tar-ragunijiet moghtija mill-istess socjeta rikorrenti fir-rikors promotur taghha.

Issa fir-rikors promotur taghha, l-unika ragunijiet li tat s-socjeta rikorrenti sabiex tikkontesta l-pretensjoni tad-Direttur intimat huma s-segwenti:

*"Illi dwar l-allegati servizzi reżi, l-esponenti San Lucian Oil Company Limited ma għandha ebda responsabilita' għal dak li ġie allegat u pretiż, għaliex l-ewwel dan l-allegat tixrid ta' żejt irid jiġi ppruvat u stabbilit u inoltre l-esponenti tikkontesta kwalunkwe responsabilita'; illi l-esponenti tgħid illi ma kellha ebda responsabilita' għall-allegat."*

Ma hemmx l-icken dubbju li mill-provi prodotti – u dan anke ammess fin-nota ta' sottomissjonjiet tas-socjeta rikorrenti – li effettivament kien hemm tixrid ta' zejt f'Marsaxlokk fis-17 ta' Lulju 1999. Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tiddeciedi f'dawn il-proceduri huwa jekk s-socjeta rikorrenti hijiex responsabbli ghal dan it-tixrid ta' zejt jew le.

Wara li fliet il-provi kollha prodotti, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi s-soċjeta' konvenuta hija unikament responsabbli għal dan l-inċident u dan minħabba s-segwenti raġunijiet:

1. Mill-provi ezebiti jirrizulta li ż-żejt li kkawża t-tniġġiż fil-bajja ta' Marsaxlokk ħareġ minn *upright elbow joint* tal-*pipeline* tas-soċjeta' konvenuta. Dan il-fatt ġie kkonfermat

diversi drabi, fosthom mix-xhud Tony Mallia[11] fl-ittra tiegħu mibgħuta fit-23 ta' Mejju 2003 li fiha irrefera għall-investigazzjonijiet magħmula minnu kif ukoll mill-uffiċjal tal-Awtorita' Marittima ta' Malta Tony Caruana Spearing u qal hekk: "*It has been established that the oil was spilt from the pipelines of San Lucian Oil Company Ltd. This has been confirmed by investigations carried out by the Malta Maritime Authority official, Mr Tony Caruana Spearing, and the undersigned. It was discovered and confirmed that the oil spill originated from a perforation under the upright elbow joint, through the straight delivery pipe from San Lucian Oil Company Limited, B'Bugia to Ħas-Saptan. ... ... It was definitely confirmed as already stated that the oil seeped from the San Lucian pipe. So, in the view of the undersigned, the main responsibility lies with San Lucian Oil Company Ltd.*" [12] Dan gie konfermat mill-istess xhud Tony Mallia quddiem din il-Qorti. Dan ix-xhud qal hekk: *"Issa I'm not an expert to say yes it is definitely from there because. But where we found the damage was the elbow of the San Lucian with the oil seeping through when we applied, when Tony Caruana Spearing, the MMA person applied the pressure pump of water. ... ... Aħna li rajna, rajna ż-żejt ħiereġ on land li ssejpja through the sea mill-pajp, mill-elbow ta' San Lucian fejn kien hemm id-damage. ... ... Dak rajtu jiena ma Tony Caruana Spearing...*" [13]

2. Fir-rapport tieghu tad-9 t'Awwissu 1999, Tony Caruana Spearing qal hekk li fil-bidu tal-investigazzjonijiet li bdew isiru fid-19 ta' Lulju 1999: *"At this point in time, Mr. Tony Mallia of PCCU pointed out and indicated to the undersigned an area, where diesel was seeping from the rocks, and very close to water inspection hole mentioned above ... ... The seeping of diesel from the rocks was exactly under the underground pipeline that leads from under the tunnel at San Lucian Reclamation Area to San Lucian Oil Company. The pipeline is approximately twenty-six (26) centimeters in diameter and one and a half (1 ½) kilometres long. ... ...*

   *On Saturday 24 July 1999, Cassar Enterprises started the excavation of San Lucian Oil Company underground pipeline, from top of the road and all the way through the tunnel of San Lucian Reclamation area. ... ...*

[11] Dak iż-żmien hu kien il-Kap tal-Pollution Control Co-ordinating Unit – Marine Module.
[12] Ara fol 120 tal-proċess.
[13] Ara fol 150 tal-proċess.

*On Tuesday 27 July 1999, a hole of about 20 millimetres was found on the underground pipeline of San Lucian Oil Company just above the tunnel. According to Mr. L. Bonnici of Cassar Enterprises, the mentioned hole could have been caused by some kind of corrosion. This hole was well off the sea water level. To date the damaged pipeline is being replaced.*

*When attention was drawn to Mr Pappalettera on when was the underground pipeline laid down, and last tested, he replied, that it was laid down eight (8) years ago and does not remember whether it was ever tested."* [14]

3. Dan gie wkoll konfermat mis-socjeta Cassar Ship Repair Ltd, li giet imqabbda mis-socjeta rikorrenti biex tassistiha biex issib minn fejn kien hiereg iz-zejt, u sussegwentement biex tigi imsewwija l-hsara li nstabet fil-pipeline, f'rapport bla data, pero iffirmat minn J. Camilleri General/Tech. Manager.*"*[15]

4. *A tempo vergine,* is-socjeta rikorrenti ma ikkontestatx li t-tixrid taz-zejt gie kagunat minn pipeline proprjeta taghha li kien danneggat, izda ssottomettiet li ma kellhiex tehel penali ghaliex allegat li dan il-pipeline gie danneggat kawza tal-ilma li kien hiereg mill-Fish Farm li kien hemm fil-vicinanzi. Dan jirrizulta mill-ittra bla data, li M. Fontana, General Manager tas-socjeta rikorrenti baghat lil Ministeru tal-Ambjent, u li giet iccitata aktar il-fuq f'din is-sentenza.[16]

Anki jekk ghal grazzja tal-argument biss, din il-Qorti kellha taccetta s-sottomissjoni tas-socjeta rikorrenti li l-pipeline gie danneggat kawza tal-ilma li kien hiereg mill-Fish Farm li kien hemm fil-vicinanzi – allegazzjoni li s-socjeta attrici bl-ebda mod ma ippruvat f'dawn il-proceduri – jibqa' l-fatt inkontestat li l-pipe danneggat u li minnu hareg iz-zejt kien proprjeta tas-socjeta rikorrenti, u li kien obbligu taghha li taghmillu l-manutenzjoni kollha li jkollu bzonn. Il-fatt li l-pipe in kwistjoni tqieghed taht l-art aktar minn 8 snin qabel l-incident *de quo* u *ex admissis* qatt ma gie ttestjat tul dawn is-snin jitkellem wahdu. Jekk is-socjeta rikorrenti hija tal-opinjoni li terzi persuni ikkagunawlha d-dannu fil-pipe, naturalment hija setghet, u tista' tiehu l-mizuri li jidhrilha xierqa, inkluzi dawk gudizzjarji, kontra dawn it-terzi

---

[14] Ara fol 176 *et seq.* tal-proċess.
[15] Ara fol. 184 tal-process.
[16] Ara fol. 122-123 tal-process.

persuni. Pero legalment hija s-socjeta rikorrenti li hija responsabbli ghat-tixrid taz-zejt, ghax iz-zejt hareg minn pipe danneggat li hu proprjeta taghha, u konsegwentement hija obbligata li tirrizarcixxi d-danni kollha u l-penali dovuti lid-Direttur intimat.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn, ghax kif diga' inghad, fir-rikors promotur l-unika raguni li tat is-socjeta rikorrenti ghaliex qed topponi ghall-ezekuzzjoni tal-ittra ufficjali mibghuta mid-Direttur intimat, kienet li ma hix responsabbli ghat-tixrid taz-zejt.

Pero, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, s-socjeta rikorrenti ghamlet diversi argumenti, jew ahjar issollevat diversi kawzalijiet, godda, li la kienu msemmija fir-rikors promotur, u wisq anqas talbet lil din il-Qorti li jigu inseriti bhala kawzalijiet fir-rikors promotur taghha. In succinct dawn l-argumenti huma s-segwenti:

1. Li fit-23 ta' Novembru tas-sena 2000 kien sar *share transfer agreement* li permezz tiegħu l-azzjonisti preżenti tas-soċjeta' konvenuta kienu akkwistaw l-ishma li preżentement għandhom fis-soċjeta' konvenuta. Permezz ta' dan il-ftehim l-azzjonisti ta' dak iż-żmien kienu aċċettaw li jibqgħu responsabbli għal diversi *liabilities* li seħħew qabel id-data tal-istess ftehim. Skond is-soċjeta' konvenuta l-ammont pretiż mid-Direttur tat-Turiżmu fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern jifforma parti minn dawn il-*liabilities*. Hi għalhekk targumenta illi kif inhi komposta llum qatt ma tista' tinżamm responsabbli għall-ammont pretiż.

2. Li d-direttur intimat ma ippruvax li sar xi xogħol jew li ġew reżi xi servizzi min-naħa tal-Gvern u lanqas f'hix kien jikkonsisti dan ix-xogħol u / jew servizzi jew kemm sewa / swew. Iżżid ukoll illi peress li hija tallega li kien hemm element ta' negliġenza kemm da parti tal-*fish farm,* kif ukoll da parti tal-awtoritajiet oħra ikkonċernati, l-estent tas-servizzi neċessarji seta' ġie evitat.

Tenut kont li dawn huma proceduri specjali taht l-Artikolu 466(2) tal-Kodici ta' Procedura Civili, ir-rikors promotur tas-socjeta rikorrenti ghandu aktar in-natura ta' nota tal-eccezzjonijiet ghall-pretensjoni dedotta kontrih mid-Direttur intimat fl-ittra ufficjali li baghtilha.

Fis-sentenza **Anthony Cristina nomine vs Eleonora Mizzi**, deciza fis-27 ta' Marzu 2003, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) irriteniet hekk:

*"Wara li jingiebu l-provi tal-attur, jista', bil-permess tal-Qorti, isir tibdil fin-nota tal-eccezzjoni, b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' wahda jew ohra mill-eccezzjonijiet kemm biz-zieda ta' eccezzjonijiet ohra. Dan ma jfissirx li l-konvenut jista' jaghmel dan meta jrid, kif irid, u bla ebda raguni u dan 'bi dritt' minghajr ebda indhil jew kontroll tal-Qorti…… Il-fatt li tista' tinghata eccezzjoni fi stadju iehor tal-kawza wara l-ewwel nota ta' eccezzjonijiet ma jfissirx fih innifsu li jistghu, bi dritt tal-konvenut, jingiebu provi jew xhieda godda. (Sottolinejar tal-Qorti) … …*

*Din il-Qorti, wara li ezaminat l-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet … …*

*hija tal-fehma li argumenti u ragjonamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqishom bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procuderali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontroparti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri 'in corso'.*

Fis-sentenza **Fogg Insurance Agencies Limited vs Raymond Azzopardi**, deciza fil-25 ta' Frar 2004, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[17] irriteniet hekk:

*"Jinsab provvdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kap 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota ta' l-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezzjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota ta' l-osservazzjonijiet u lanqas f'dibattitu orali ghaliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx. (Ara Kollez. Vol. XXXV p1 p410 u Vol XXXVIII pII p583).*

*… … Kif drabi ohra rilevat "la buona fede bejn il-partijiet, indotta mill-accettazzjoni tat-terren tad-diskussjoni, ta' l-ekonomija taz-zmien u l-ispejjes ghal partijiet u lanqas l-uzu sewwa tal-ministeru tal-Qorti ma jippermettu li jsir hekk" (Kollez. Vol. XLIX p1 p138)."*

Fis-sentenza **Perit Carmel Mifsud Borg vs Kurt Farrugia** deciza fil-11 ta' Dicembru 2009, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[18] irriteniet ukoll illi *"Meta konvenut jimposta l-linja difensjonali tieghu b'mod li minnha jista' razzjonalment jitraxxendi li certu fatt huwa pacifiku ghax mhux specifikament kuntrastat, il-kontro-parti m'ghandux ghalfejn igib prova*

[17] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[18] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*ta' dak il-fatt ghax l-ezistenza tieghu hi inkontroversa u tali tohrog dak l-istess fatt mill-ambitu ta' l-accertament dwaru."*

Ghal din ir-regola generali hemm zewg eccezzjonijiet:

1. Id-dritt tal-parti li tressaq eccezzjonijiet ohra jekk tissodisfa l-Qorti li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghatw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta; u
2. Id-dritt tal-parti li tressaq dawk l-eccezzjonijiet li jistghu b'disposizzjoni espressa tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jew ghall-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza. Fost dawn hemm l'hekk imsejha eccezzjonjiet perentorji li ghandhom l-effett li jwaqqfu l-proceduri.

L-Artikolu 731 li jitkellem dwar dawk l-eccezzjonijiet li b'disposizzjoni espressa tal-ligi, jistghu jinghataw f'kull waqt tal-procidimenti, jiddisponi espressament li f'dawn il-kazi, l-provvedimenti ta' l-Artikou 728 ma jghoddux. Pero, dan ma jfissirx li dawn l-eccezzjonijiet jistghu jinghataw minghajr permess tal-Qorti. Fis-sentenza **Gayle Scerri v. Eric Borg** deciza fl-20 t'Ottubru 2003, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[19] irriteniet hekk:
*"Kif tajjeb osserva l-avukat ta' l-attrici, eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax titqajjem f'nota ta' osservazzjonijiet, izda ghandha ssir b'mod formali taht forma ta' nota ta' eccezzjonijiet. Din ghandha tkun debitament awtorizzata bhala nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri la kienet imqajma fil-mori tal-kawza.*

*Din l-awtorizazzjoni hija nieqsa, peress illi l-konvenuti minkejja li ghandhom id-dritt iqajjmu din l-eccezzjoni anki fi stadju ta' l-appell, xorta jridu l-awtorizazzjoni tal-Qorti biex jaghmlu dan. Din l-awtorizazzjoni ma ntalbitx u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu inizjattivi f'materja ta' preskrizzjoni u taccetta din in-nota ta' l-osservazzjonijiet bhala nota ta' eccezzjonijiet."*

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament tal-Qrati taghna – li japplika b'iktar sahha fi proceduri bhal dawn odjerni, meta minflok nota ta' eccezzjonijiet, l-allegat debitur irid jipprezenta rikors. Ir-rikors promotur tas-socjeta rikorrenti jinkwadra l-linja difenzjonali taghha ghat-talbiet tad-Direttur intimat li ghamel fl-ittra ufficjali tieghu. Mhux korrett u

[19] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

lanqas ma għandu jiġi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawża meta l-istadju tal-provi jkun magħluq u meta din titħalla għas-sottomissjonijiet orali jew biex jiġu preżentati noti tal-osservazzjonijiet, il-kontro-parti tiġi rinfaċċata b'linja difenzjonali ġdida – anke jekk din il-linja difensonali setghet ghall-grazzja tal-argument biss, titqajjem f'kull stadju tal-proceduri - mingħajr ma jiġu osservati r-regoli proċedurali. Kull argument kuntrarju ghal dan, iwassal biex jigi lez d-dritt tal-*equality of arms* u biex jaghti *carte blanche* lir-rikorrent li jtawwal proceduri bhal dawn. Kif gie ritenut aktar qabel, il-ligi tal-procedura qieghda hemm biex tigi osservata, u kif diga gie citat la l-*buona fede* bejn il-partijiet, indotta mill-accettazzjoni tat-terren tad-diskussjoni, ta' l-ekonomija taz-zmien u l-ispejjes ghal partijiet u lanqas l-uzu sewwa tal-ministeru tal-Qorti ma jippermettu li l-ligi tal-procedura tigi abbuzata.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonjiet fuq esposti, din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn l-argumenti, ossia kawzalijiet/eccezzjonijiet, godda sollevati mis-soċjeta' konvenuta fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha.

**Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tichad it-talba tas-socjeta rikorrenti fir-rikors promotur taghha.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk relatati mat-talba ghal kjamata in kawza ta' socjeta estera deciza finalment bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-12 ta' April 2007, ghandhom kollha jigu subiti mis-socjeta rikorrenti.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**